Kunsill Lokali Paola

# Rapport Amministrattiv

April 2020

Għeżież,

Il-Kunsill Lokali Paola jinsab sodisfatt illi tul il-leġislaturi preċedenti għamel bosta xogħolijiet ta' preparamenti u laqgħat sabiex Kunsill ġdid, li tiġa wasal sabiex jagħlaq l-ewwel sena ta' ħidma tiegħu, ikun jista' iwettaq bosta proġetti li ser jagħmlu id-differenza fil-ħajjiet tar-residenti.

Tul din is-sena il-ħidma fil-Kunsill Lokali Paola ma qatgħet xejn u huwa fatt li dan il-Kunsill iservi wkoll bħala ċentru ta' servizz fin-Nofsinhar ta' Malta u jintuża kemm mill-Pawlisti kif ukoll minn persuni oħra mill-lokalita u anke tal-madwar. Permezz ta' dan ir-rapport wieħed ser ikun jista' jifhem il-ħidma li sargħet tul din is-sena, kemm fi tmiem il-leġislatura li għaddiet kif ukoll issa fl-ewwel parti ta' din il-leġislatura.

Apparti mis-servizzi li l-Kunsill jagħti ta' kuljum, il-Kunsill Lokali Paola kompla joffri servizz ħolistiku li jingħata liċ-ċittadin mill-binja tal-Kunsill, grazzi għaċ-ċentru **Servizz.gov** kif ukoll iċ-**Ċentru Anzjanità Attiva** fejn l-anzjani jiltaqgħu fis-sala tal-Kunsill u ikollhom sessjonijiet varji fuq saħħa, eżerċizzju, drama, arti u suġġetti oħra. Apparti min hekk qed noħorġu minn djarhom anzjani li joqgħodu waħidhom u fl-istess ħin grazzi għall-attivitajiet li qed norganizzaw qed inkomplu nsaħħu l-**Fond għall-kawżi ġusti.** Il-Kunsill kompla ukoll fl-organizzazzjoni ta' **attivitajiet** diversi għall-familja kollha kif ukoll organizza bosta attivitajiet kulturali kif ukoll l-attivitajiet marbuta ma' **Jum Paola** li ġie ċċelebrat f'Novembru. Ma jonqsux ukoll l-attivitajiet li l-Kunsill jaħdem bil-kollaborazzjoni ta' l-għaqdiet tal-lokal. Fi żmien il-Milied il-Kunsill Lokali Paola reġa organiżża wkoll kompetizzjoni marbuta mal-**armar tal-Milied** fil-lokalita fejn tassew nistgħu ngħidu li grazzi għal din il-kompetizzjoni dan l-armar kien tassew ta' livell. Flimkien ma' din il-kompetizzjoni il-Kunsill reġa saħħaħ il-finanzjament tal-istess armar sabiex illum dan jikkompeti ma' lokalitajiet oħra.

Fl-okkażjoni tal-**Malta Pride 2019**, il-Kunsill Lokali Paola organizza taħdita miftuħa għall-kullħadd bl-isem "*LGBTIQ issues...Before & Now*" fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola kif ukoll organizza trasport għall-attività tal-Malta Pride 2019. Fi Frar ġie organizzat spettaklu marbut mal-**Karnival** li għalih attendew bosta familji. Dan l-spettaklu kien jikkonsisti fi sfilata tal-Karnival kif ukoll programm sabiħ ta' żfin, kant u satira fil-Pjazza. Lejlet din l-attività ġie organizzat ukoll dramm qasir għal dan iż-żmien. Dan il-proġett seta' isir grazzi għall-kollaborazzjoni tad-Drama Unit (Mede), l-skola ALP ta' Raħal Ġdid u ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Kunsill Lokali Paola!

Fis-**sala tal-Kunsill** komplew isiru sessjonijiet taz-zumba, aerobics, nutrizzjoni, kif ukoll fitness. Flimkien mas-sessjonijiet fiċ-ċentru saru wkoll **korsijiet tal-kompjuter** kif ukoll korsijiet tal-**life long Learning** li isiru fil-binja tal-Kunsill l-antik fil-Pjazza. Dan juri kif il-Kunsill qed jagħmel l-aħjar użu possibbli mill-binjiet tiegħu. Apparti fuq din il-ħidma Soċjali u Kulturali il-Kunsill Lokali Paola baqa' għaddej bil-**ħidma ta' kuljum** fejn jidħlu ilmenti tar-residenti kif ukoll tkompla xogħol ta' manutenzjoni skond kif meħtieġ. Sar ukoll xogħol marbut mat**-traffiku u l-parkeġġ** fejn tkomplew jittieħdu miżuri biex jiżdied il-parkeġġ u tiżdied is-sigurtà fit-toroq madwar il-lokalità. Flimkien ma dawn ix-xogħolijiet u l-inizjattivi, sar ukoll xogħol ta' restawr fuq **in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu** fi Triq Żabbar.

KUNSILL LOKALI PAOLA

Fejn jidhlu servizzi il-Kunsill Lokali Paola beda joffri servizz lir-residenti marbut mal-**manutenzjoni tal-kompjuters** hekk kif għamel arranġament ma' kuntrattur u li permezz tiegħu residenti ta' Raħal Ġdid setgħu jieħdu servizz ta' formatting tal-laptops/kompjuters tagħhom b'xejn.

Kif kulħadd qed jara il-Gvern kompla bix-xogħol infrastrutturali fit-toroq tagħna u infatti saru bosta laqgħat sabiex b'hekk setgħu isiru numru ta' **toroq** fil-lokalita. Tlesta x-xogħol jew wasal fl-aħħar fi Triq ix-Xewk, Triq il-Ġdida, Triq iċ-Ċimiterju, Triq Sammat, Triq il-Qalb ta' Ġesù, Triq Prinċipessa Marija, Triq Kordin, Triq l-Irvellijiet u toroq tal-madwar, Telgħet Raħal Ġdid u parti minn Triq Żabbar. Il-Kunsill Lokali Paola iħares il quddiem sabiex aktar toroq ikunu qed isiru minn Infrastruttura Malta fix-xhur li ġejjin.

F'dan iż-żmien diffiċli għall-pajjiżna u għad-dinja kollha fejn kull pajjiż qiegħed jiġġieled kontra l-imxija tal-virus **Covid-19**, il-Kunsill baqa' jopera fl-aħjar mod possibbli sabiex jibqa' joffri l-aħjar servizz filwaqt li jassigura l-protezzjoni tas-saħħa tal-impjegati tal-Kunsill kif ukoll ta' dawk kollha li jattendu fil-Kunsill Lokali. Infatti ittieħdu bosta miżuri sabiex jiġu limitati n-numru tan-nies li jitħallew jidħlu fil-bini tal-Kunsill sabiex jinqdew fl-istess hin kif ukoll ġew introdotti miżuri biex ir-residenti jinqdew permezz tat-telephone u l-email. Ġew ukoll sospiżi b'mod immedjat is-sessjonijiet taċ-Ċentru Anzjanità Attiva li isiru fil-Kunsill kif ukoll ġew sospiżi b'mod immedjat il-klassijiet tal-fitness, nutrizzjoni, zumba u *life-long learning*.

**Dominic Grima**

**Sindku**

**Kunsill Lokali Paola**

Kunsill Lokali Paola

# Rapporti mill-Kunsilliera

**Darren Lynch-Viċi Sindku**

Fir-responsabbiltajiet tiegħi bħala Viċi Sindku għandi Jum Paola, Sport, Attivitajiet Fiżiċi, Turiżmu, Housing, Media u Zghazagh.

Flimkien mal-kunsill iċċelebrajna Jum Paola. Ħloqna kompetizzjoni għat-tfal tal-iskola fejn ħadmu fuq proġett b'materjal ta' riċiklaġġ dwar Raħal Ġdid. Ingħataw ukoll rikonoxximenti waqt festin li ġie organizzat għan-nies ta' Raħal Ġdid.

Fuq Housing ħdimt biex l-iskemi li hemm jestendu għal blokok ta' flats ohra madwar il-lokal. Flimkien mal-Ministru tal-Housing rajna li x-xogħol fl-akwati tal-Lourdes ikun wieħed tal-livell għoli.

Sport settur li hu ferm għal qalbi, ħdimna ma' Sport Malta biex fil-pjazza ta' Raħal Ġdid issir attività bl-isem ta' *Be Active* fejn ipparteċipaw numru ta residenti. Qassamna xi frott ukoll biex nippromowvu għajxien aħjar.

Attivitajiet Fiżiċi ġewwa s-sala tal-Kunsill Lokali ma jonqsux. Matul il-Ġimgħa qed jiġu organizzati Zumba u fitness Classes.

Il-Media tal-kunsill ħadna ħsieb li l-paġna tal-facebook tkun aġġornata ta' spiss b'filmati, ritratti u artikli informattivi.

Minħabba l-imxiha tal-Corona Virus, It-turiżmu ħa daqqa kbira, però għandi pjan biex flimkien ma' Lokalitajiet oħra norganizzaw *visits* għat-turisti f'diversi binjiet storiċi.

Iż-żgħażagħ hemm ħsieb li fil-futur qarib jifforma sotto-kumitat fejn il-membri tiegħu ikun kompost miż-żgħażagħ mil-lokal u għaqdiet tal-lokal.

---

**Steven Axisa-Kunsillier**

Fir-responsabiltajiet li jien risponsabbli għal fuq fondi li ġejjin min EU ħdimna fuq :- EEA *Small Grants Scheme, Efforts Eccofort u Sustainable Islands*. Inħarsu il-quddiem sabiex dawn il-proġetti jħallu l-frott mixtieq fil-lokalita`.

Rigward is-sigurtà u l-infurzar bdejna diskussjonijiet mal-Lesa sabiex naraw liema hi l-aħjar sistema ta' kamera. Għamilna tal-monti u issa nħarsu il-quddiem għal żoni oħra.

---

KUNSILL LOKALI PAOLA

**Ivan Bartolo-Kunsillier (*Minority Leader*)**

Wieħed mid-dekasteri tiegħi dak tas-sinjali tat-toroq dejjem sibt kollaborazzjoni mal-ħaddiema tal-Kunsill u x-xogħol dejjem sar fiż-żmien qasir possibbli. Rigward id-dekasteru tal-ħwienet kull min fittixni sabni u dejjem sibna kompromess biex ntejbu l-affarijiet ġewwa Raħal Ġdid meta għandek komunità kummerċjali kbira ħafna. L-iżjed dekasteru għal qalbi hu dak tas-*Self-Employed*, dejjem ġew iffitxuni fl-uffiċju tiegħi personali u fejn stajt ngħin dejjem sabuni hemm f'kull ċirkostanza.

---

**Rita Delezio-Kunsillier**

Jien attendejt kull laqgħa li sargħet tal-Kunsill. Billi nieħu ħsieb jew għandi il-kariga tal-Job plus ghint ħafna nies speċjalment fi tlett xhur tal corona virus u fuq il-persuni b'diżabilità individwali tajt xi għajnuna, imma meta jkun il-ġurnata tagħhom bi ħsibni nagħmel ġurnata seminar fejn inġib kelliema u nistieden lil On. Silvio Parnis u il-Ministru ikkonċernat .

---

**Yvonne Arqueros BSc PGDip -Kunsillier**

Matul din is-sena l-ħidma kienet intensiva. Bdejt billi ħadt ħsieb l-iskema tal-Local Care Scheme li għandha x'taqsam mal-qtates strays li jinsabu ġewwa Paola. L-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata w illum qed jibbenefikaw minn din l-iskema madwar 25 *feeder* u għexieren ta'qtates li jieħdu ħsieb. Inxtraw ukoll *trapping cages*, ikel, u *recovery cages*. Din l-iskema għada għaddejja u għalkemm kien hemm ħafna restrizzjonijiet minħabba l-Covid19 instabu mezzi oħra biex ix-xogħol jibqa' għaddej bejn *feeders*, veterinarji, l-impjegati tal-Kunsill u jien bħala kunsillier responsabbli ta' dan il-proġett.

Attendejt għal Kungress u Laqgħa Annwali *Efforts* ġewwa Antwerp u ukoll attendejt kors dwar l-isfidi tal-Immigrazzjoni u dwar kulturi varji li dejjem qed jiżdiedu ġewwa l-lokalita ta' Paola. Dan kien organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Ħadt ħsieb li flimkien mas-Sindku Dominic Grima u Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri niltaqgħu ma' Imam Mohammad Elsadi fejn tkellimna dwar miżuri kif jista' jitwasslu messaġġi importanti dwar il-lokalita` tagħna waqt it-talb tal-Ġimgħa u rajna kif il-Kunsill ikun ukoll pont ta' informazzjoni li jasal għal kull membru tal-komunità ta' Paola.

Għal Jum Paola ħadt ħsieb li tiġi organizzata kompetizzjoni mal-iskola Primarja Paola fejn it-tfal li jattendu din l-iskola setgħu jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni billi joħolqu xogħol krejattiv li għandu x'jaqsam ma' Paola. Ħadu sehem studenti bejn 3-11 il-sena. Kull parteċipant ġie mogħti ktieb bħala tifkira tal-parteċipazzjoni.

L-iskema għar-restawr ta' l-istatwa ta' San Ġużepp fi Triq Ninu Cremona kienet eliġibbli iżda ma ġietx aċċettata u għadna qed nistennew risposta għaliex mhux ħa ssir la l-applikazzjoni kienet eliġibbli.

Issuġġerejt u applikajna biex minn din is-sena skolastika korsijiet tal-*Life Long Learning* jiżdiedu b'mod sostanzjali u isir *refurbishment* f'ċertu kmamar fil-binja tal-Kunsill l-antik fil-pjazza biex ikollna aktar spazju għal dawn il-korsijiet ġodda.

Kunsill Lokali Paola

Ħadt ħsieb li fl-okkażjoni tal-*Malta Pride* 2019, il-Kunsill Lokali Paola jorganizza taħdita miftuħa għall-kullħadd bl-isem "LGBTIQ *issues...Before & Now*" fis-sala tal-Kunsill Lokali Paola kif ukoll li jiġi organizzat trasport għall-attività tal-Malta Pride 2019. Barra min hekk biex jinħoloq aktar *awareness* dwar LGBTIQ żbaħna l-art tal-*pelican lights* ta' ħdejn l-Għassa ta' Paola kulur qawsalla.

Organizzajt u idderiġejt dramm teatrali li kien jittrattata dwar id-diversita' u l-inklużjoni. Dan il-proġett seta' isir grazzi għall-kollaborazzjoni tad-Drama Unit (Mede), l-Iskola ALP ta' Raħal Ġdid u ċ-Ċentru Anzjanità Attiva` tal-Kunsill Lokali Paola. Dan ma kienx biss proġett edukattiv imma ukoll innovattiv peress li min ħa sehem ma kienx attur u l-etajiet varjaw bejn 14 u 90 sena.

Nixtieq ngħid grazzi lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill Lokali Paola tal-għajnuna u effiċjenza tagħhom. Lis-Segretarju Eżekuttiv Mr Kurt Scerri għall-pariri u suġġerimenti professjonali u d-disponibilita' tiegħu li kienet konsistenti u kontinwa, lill-kollegi kunsilliera li ħdimna flimkien u lis-Sindku Mr Dominic Grima li dejjem sibt appoġġ u fiduċja mingħandu biex inkun nista' nwettaq dan ix-xogħol.

---

**Neville Camilleri-Kunsillier**

Meta lħaqt Kunsillier għall-ewwel darba f'Raħal Ġdid bdejt naħdem minnufih għall-ġid ta' dan il-lokal. L-iktar ħaġa fi ħdan id-dekasteru tiegħi li kienet tirrikjedi attenzjoni u urġenza kienet it-titjib tas-suq tal-lokal. Kienu ħafna dawk ir-residenti li bdew jilmentaw fuq l-irwejjaħ li kien qed ikun fis-suq u anki fuq l-iskart li kien qed jitħalla kuljum. Barra minn hekk kien hemm ukoll każijiet ta' korrimenti minħabba l-fatt li kien hemm toqba fit-triq liema toqba kienet ilha żmien biex tiġi rranġata.

Bħala Kunsillier għalhekk bdejt nara li jsir it-tindif meħtieġ f'din iż-żona, li jiġu installati kameras u anki li din it-toqba tingħalaq. Bħal kull lokalità oħra, l-isfida tal-iskart hija dejjem preżenti u għalhekk b'mod kostanti dejjem nara li l-iscamel iżomm mar-rotta u li jissolvew l-isfidi relatati mal-knis. Bħalissa għaddejja wkoll ħidma ta' tisqija tal-pjanti fil-lokal b'koordinazzjoni mal-ELC. Flimkien ma' sħabi jien se nkompli naħdem b'saħħti kollha sabiex inkomplu ntejbu u nsebbħu lil dan il-lokal.

---